**20 ta' April, 1959**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Spiridione Caruana**

*versus*

**Carmelo Cassar**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Jekk fis-sentenza tiegħu l-Board tal-Kera jiddeċidi bħala fatt, illi l-iżgumbrament tal-lokatur mill-fond li attwalment kien okkupat minnu kien ġie prokurat minnu stess, biex hu jkun jista' jottjeni l-pussess tal-fond mikri lill-inkwilin intimat, u jkompli jgħid illi, anki kieku wieħed kellu jirritjeni illi l-iżgumbrament imsemmi ma kienx hekk prokurat, il-"hardship" tal-intimat kien ikun akbar minn dak tas-sid jekk it-talba ta' dan tiġi milqugħa, il-Board ma jkunx iddeċieda ebda punt ta' liġi; u għalhekk dik is-sentenza mhix appellabbli.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jieħu pussess tal-fond nru. 8 Birbixkilla Street, Tarxien, mikri lill-intimat, billi huwa jinsab bla dar għax ġie żgumbrat b'sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati mill-post li kien qiegħed jokkupa;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-10 ta' Marzu 1959, li biha ċaħad it-talba; bl-ispejjeż mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Ir-rikorrent irid il-post biex imur joqgħod fih bil-mara u tifla xebba. Huwa xtara dan il-post, kif xehed, fit-28 ta' April 1958. Qal illi jrid dan il-post għax hu kien joqgħod ma' omm il-mara, u billi din keċċietu, xi sena ilu jew ftit iżjed, huwa mar joqgħod bil-familja ma' oħtu Maria Bugeja. Din oħtu Maria Bugeja għamlitlu kawża quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, fejn talbet l-iżgumbrament tiegħu mill-kumditajiet li kien qed jokkupa fil-post tagħha, billi kien qed jokkupahom bla titolu. Din il-kawża ġiet deċiża fit-3 ta' Frar 1958, bil-laqa' tat-talba, u ġie mogħti lir-rikorrent xahrejn żmien biex jiżgombra;

L-intimat għandu l-mara u seba' titfal...... Huwa ma għandu ebda post "available" fejn imur joqgħod, ħlief il-post li huwa ħa in subenfitewsi b'kuntratt magħmul għand in-Nutar Dr. John Micallef Trigona fit-2 ta' Ottubru 1958, li huwa okkupat minn familja ta' tmienja minn nies li ma għandhiex post ieħor fejn tmur, u li tiegħu qed jipprova jieħu pussess bir-rikors nru. 724/1958 fl-ismijiet "Carmelo Cassar vs. Vincenzo Camilleri", li għalieh saret riferenza;

Mill-fatti fuq elenkati jidher li l-żigumbrament tar-rikorrent kien prokurat biex ikun jista' jottjeni pussess tal-post li huwa xtara, kif fuq intqal, fit-28 ta' April 1958. Infatti huwa ma ta ebda raġuni għaliex keċċietu ommu...;

Anki jekk wieħed kellu jirritjeni illi l-iżgumbrament tar-rikorrent ma kienx minnu prokurat, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ fuq esposti, il-"hardship" tal-intimat, fil-każ li t-talba tiġi milqugħa, ikun akbar minn dak tar-rikorrent fil-każ li l-istess talba tiġi miċħuda;

Rat ir-rikors ta' Spiridione Caruana, li bih appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-intimata;

*Omissis;*

Fis-sentenza appellata ma hemmx ħlief żewġ konklużjonijiet ta' fatt. Fl-ewwel, il-Board iddeċieda bħala fatt illi l-iżgumbrament tal-appellant mill-fond li kien attwalment okkupat minnu kien prokurat, biex hu jista jottjeni pussess tal-post issa in kwistjoni. Però il-Board kompla jgħid, fit-tieni konklużjoni, illi, anki kieku wieħed kellu jirritjeni illi l-iżgumbrament tal-appellant ma kienx prokurat, il-"hardship" tal-appellat, "fiċ-ċirkustanzi kollha tal-każ", kien ikun akbar minn dak tal-appellant jekk ittalba ta' dan tiġi milqugħa;

Minn dan jidher ċar illi fis-sentenza appellata ma hemm ebda punt ta' liġi deċiż biha;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi li l-appell hu irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellant.